MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 249/2013

**A B**

**vs**

**C D;**

**E B bhala eredi tal-mejta E B**

**u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens illi huwa ma huwiex il-missier bijologiku tal-konenuta C Emanuela D imwielda minn martu l-mejta EB.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa li ma hux edott mill-fatti u li fi kwalunkwe kaz m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut E B, iben il-mejta E B, fejn iddikjara illi huwa minn dejjem jaf li l-konvenuta C Emmanuela D ma hiex bint l-attur u li fi kwalunkwe kaz m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat in-nota tal-konvenuta Dipprezentata fit-13 ta' Marzu 2014 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' April 2014 li permezz tieghu innominat lil Dr Marisa Cassar sabiex tikkonduci t-testijiet tad-DNA.

Rat ir-rapport tad-DNA redatt minn Dr Marisa Cassar u pprezentat fid-29 ta' Mejju 2014 li permezz tieghu gie certifikat illi l-attur A B ma hux il-missier naturali tal-konvenuta D.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Ligi**.

**Artikolu 73 tal-Kodici Civili** jipprovdi illi meta ragel mizzewweg irid jichad wild imwieled minn martu, dan ghandu jipprocedi b'kawza kontra martu u kontra l-istess wild.

L-artikolu appena citat huwa sodisfatt in kwantu l-omm llum hija mejta u gie mharrek l-eredi taghha E B.

Tresqet l-ahjar prova in sostenn tat-talbiet attrici konsistenti fit-test tad-DNA. Il-prova xjentifika ticcertifika li l-attur ma hux missier il-konvenuta D.

Ghalhekk it-talbiet huma gustifikati.

Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, peress li f'cirkostanzi simili hija l-omm li tigi akkollata l-ispejjez gudizzjari, f'dan il-kaz l-ispejjez ser jigu akkollati fuq il-konvenuta D u fuq il-konvenut B bhala ulied il-mejta E B.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tilqa' t-talbiet attrici:-

1. Tiddikjara li l-attur A B ma hux il-missier bijologiku tal-konvenuta C Emanuela D nee' B.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkancella mill-Att tat-Twelid tal-konvenuta D l-isem u l-konnotati kollha tal-attur A B u minflok jitnizzlu l-kliem "unknown father". Mill-istess att ghandhom jigu kancellati l-kliem "the said" li jinstabu fil-konnotati tal-omm.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta D u l-konvenut B in solidum bejniethom.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------